KLR 2/VII/2013

Minuti tat-tieni laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali tar-Rabat Citta' Victoria li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 23 ta' April 2013 fit-15.00.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joseph Debrincat, Maria Portelli, Michel Buttiġieġ, Anthony Briffa u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

Intqalet it-Tabla u ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

**1. Mill-Minuti**

1.1 Rigward il-proġett tal-ERDF, il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jiltaqa' mal-i*stakeholders* tal-*area* involuta fil-proġett sabiex jiġi spjegat lilhom it-*timeframes* u l-fażijiet ta' kif se jkunu qed isiru x-xogħolijiet. Is-Sindku qal li dan se jsir qabel jinbeda x-xogħol strutturali. Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lill-membri li l-offerta tal-*Project Administrator* tagħalaq fis-17 ta' Mejju 2013.

1.2 Il-kunsillier Buttiġieġ għarraf lill-membri li tneħħew id-*double yellow lines* li saru fi Triq 31 ta' Marzu mingħajr permess tat-Transport Malta (TM).

1.3 Rigward is-sejħa ta' Miżura 413.6: *Festivals and Events* mnehdija mill-*Gozo Action Group*, is-Sindku ssuġġerixxa li ż-żewġ kunsilliera żgħażagħ, Portelli u Briffa jgħinu fl-organiżżażżjoni tal-attivitajiet li jiġu organiżżati u jkunu huma li jirrappurtaw u jinfurmaw il-Kunsill ta' x'ikun se jsir. Il-membri qablu ma dan.

1.4 Dwar it-Torneo del Delta del Po s-Sindku qal li l-parteċipanti Rabtin li kienu tfal taħt it-13 –il sena mit-tlett klabbs tal-futbol, ħarġu sodisfatti minn din l-esperjenza. Hu ressaq żewġ gazzetti ta' Ferrara fejn ġie rappurat dan. Is-Sindku tenna li s-sena d-dieħla l-Kunsill jista' jipparteċipa fuq proġett tal-Unjoni Ewropea biex jiġu akkwistati fondi għaż-żgħażagħ. Il-Kunsill tar-Rabat u ta' Goro jkunu l-*lead partners*. Il-membri qablu ma dan.

## 2. Mozzjonijiet f'isem il-membri

Mozzjonijiet 1, 2, u 3 ġew imressaq mill-kunsillier Buttiġieġ.

**Mozzjoni numru 1** ġiet issekondata mill-kunsillier Tabone.

**Nitlob sabiex issir bankina quddiem tlett garaxxijiet fi Triq Ġużeʼ Cremona kantuniera ma Triq Patri Anton Debono minħabba li quddiemhom m'hemm xejn ħlief ħaxix ħazin u ħmieg tal-klieb.**

Il-membri qablu ma dan. Billi qatt ma kien hemm bankina ser issir talba lill-Minsieru għal Għawdex sabiex dan ix-xogħol isir.

**Mozzjoni nurmu 2** ġiet issekondata mill-kunsillier Tabone.

**Nitlob sabiex jitkompla t-tarmak fi Triq Patri Anton Debono minħabba li dan ix-xogħol kien beda' u ma tkompliex u din it-triq qedgħa diżlivellata u ilha s-snin hekk. F'nofs it-triq għad hemm parti biż-żrar minħabba li kien tranġa l-ħajt u t-triq twesset u għadha bla tarmak. Fl-istess triq, qed nitlob ukoll biex issir bankina żgħira ta' xi tlett metri li qegħda quddiem residenza u qegħda fi stat bħal ta' Triq Ġużeʼ Cremona, kollha ħaxix u ħmieġ tal-klieb.**

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li din il-parti għadha ma nksietx bit-tarmak peress li għad ma ġietx esproprijata u s-sid għadu ma tħallasx tal-art. Għaldaqstant il-membri qablu li ma jsrix intervent minn naħħa tal-Kunsill Lokali.

**Mozzjoni numru 3** ġiet issekondata mis-Sindku.

**Nitlob f'isem ir-residenti ta' Triq Mons. Ġuzeppi Farruġia biex isir *gutter* li jilqa' l-ilma tax-xita li jkun nieżel minn Triq Karita'. Dan għandu jsir minn mal-ħanut 'Sound and Vision' għan-naħħa l-oħra, jiġifieri tul ta' xi żewġ metri.**

Il-membri qablu li għandu jiġi verifikat jekk hemmx *culvert* taħt l-art tul it-triq kollha, mill-katuniera ta' Triq Sant' Indrija sa Triq Palma.

## 3. Appuntar tal-membri tal-bord ta' aġġudikazzjoni għall-offerta – *Service Tender for Project Technical Consultancy for the setting up of an Integrated Cultural, Archaeological and Historical Trail.*

Il-membri qablu li Marcel Tabone jkun Chairman ta' dan il-Bord, u jitqabbad il-Perit Gordon Vella ma żewġ Periti oħra li jkunu ndipendenti minn dawk li tefgħu l-offerta.

## 4. *Victoria Playing Field*

Il-membri qablu li tintbagħat il-*Letter of Accepatance* lil Patrick u Domenic Refalo li ngħataw l-offerta tal-kostruzzjoni. Il-membri ġew mgħarrfa li Gatt Tarmac Ltd. ressaq appell fil-Qorti t'Għawdex kontra l-Kunsill, d-Direttur tal-Kuntratti u c-*Chairman* tal-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi. Dan wara d-deċiżjoni tal-Bord imsemmi fuq l-appell li Gatt Tarmak rigward l-offerta tal-bini tal-*playing field*.

## 5. Jum il-Belt Victoria

Il-membri ġew mgħarrfa li Dun Jimmy Xerri m'aċċettax li jingħata Ġieħ il-Belt Victoria. *Leone Goes Pop* se ssir is-Sibt 15 ta' Ġunju 2013. *RockAstra*, li hu l-kunċert li se jsir mill-Banda La Stella se jsir fit-8 ta' Ġunju 2013, u l-kunċert tal-Orkestra Nazzjonali se jsir fis-6 ta' Ġunju 2013. Fl-10 ta' Ġunju fis-18.30pm għadha ssir quddiesa ta' radd il-ħajr fil-knisja ta' Santu Wistin u fis-7.30 jingħata Ġieħ il-Belt Victoria waqt serata li se ssir fil-Librerija Nazzjonali fi Triq Vajrinġa.

## 6. Approvazzjoni tal-kontjiet

Ġew approvati l-kontijeit pendenti li jinsabu annessi f'dokument A.

## 7. Korrispondenza

Tressqet korrispondenza mingħand:-

7.1 Transprot Malta (TM) fejn:-
7.1.1 intalab permess għall-parkeġġ tal-persuni b'diżabilita' ta' Bernarda Ellul, ta' 89, Triq Sant' Orsla u għall-Marianna Sacco ta' 63, Triq San Duminku. Se jintbgħatu l-formoli mimlija kif isir is-soltu;

7.1.2 ma nħariġx il-permess biex jiġu riservati żewġ parkeġġi quddiem 'William's Vet Surgery' fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II. Dan minħabbba li klinika Veterenarja mhix eliġibli għalihom. Sadanittant sid il-klinika talab biex tiġi riservata kaxxa għall-ambulanza tal-annimali. Il-membri qablu li għandu jintalab in-numru tar-reġistrazzjoni tal-ambulanza. TM ssuġġeriet ukoll li l-Kunsill japplika għall-*keep clear bay except for un/laoding* meta l-klinika tkun miftuħa;

7.2 Joseph Bonello f'isem id-Dipartiment tal-Agrikultura li talab parkeġġ riservat għat-trukk tad-dipartiment fi Triq Ninu Cremona. Dan minħabba l-fatt li quddiem il-garaxx tal-Villa Rundle hemm *bus stop*. Il-Kunsill issuġġerixxa li jintużaw l-entrturi l-oħra tal-Villa Rundle;

7.3 Kevin Grech li talab biex isir *double yellow line* quddiem Triq Ġużeppi Spiteri. Dan peress li qed jipparkjaw il-vetturi fil-bidu ta' din it-triq b'tali mod li jostakolaw l-entratura. Il-Kunsill qabel li jintalab il-permess tat-TM;

7.4 Alexia Cassar għan-nom tal-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC). Waqt li kienet qed tiġi dikussa din il-korrispondenza l-kunsillier Tabone ħareġ mill-kamra. Dan peress li hu jaħdem l-ETC. Cassar talbet li jsiru żewġ *traffic mirrors* quddiem iż-żewġ entraturi li l-ETC għandha fi Triq Sir Arturo Mercieca, żewġ parkeġġi riservati għall-ETC u permess ta' Żona A fuq iż-żewġ vetturi tal-korporazzjoni. Peress li l-priorita' tal-Kunsill hi l-parkeġġ għall-pubbliku u peress li l-ETC fi Triq Sir Arturo Mercieca għandha l-parkeġġ fil-bini tagħha, il-Kunsill ma jistax' jilqa dawn it-talbiet;

7.5 residenti ta' Triq Vajrinġa li ressqu petizzjoni rigward il-vetturi tqal li qed jgħaddu minn din it-triq. Dawn qed jikkawżaw ħsarat fit-triq, fid-djar u tniġġiż żejda tal-arja. Il-Kunsill jissimpattiżża ma dawn ir-residenti u ser jinforma l-awtoritajiet konċernati b'dan u biex it-sitwazzjoni f'din it-triq tiġi ameljorata;

7.6 Frank Tabone, Spettur tal-Pulizija li talab permessi ta' Żona A għall-ħames Pulizija li jaħdmu fl-għassa tar-Rabat, pero' ma joqgħdux ir-Rabat. Dawn ma jistgħux isiru peress li jinħoloq preċedent;

7.7 TCTC fejn talbu lill-Kunsill jipparteċipa fi proposta ta' organiżżazzjoni ta' korsijiet tal-kompjuter matul il-ġranet tas-sajf. Billi meta l-Kusnill ipparteċipa fi proposti simili tat-TCTC, ma kienx hemm biżżejjed riklam lill-Kunsill, il-membri qalbu li din id-darba l-Kunsill ma jipparteċipax;

7.8 Joseph Spiteri għan-nom ta' 'Fame Music Agency' fejn talab permess biex fis-17 ta'Awwissu ssir attivita' ta' mużika fil-grawnd Leli Farruġia. Il-membri qablu li qabel jinħareġ il-permess l-aġenzija għandha ġġib bil-miktub il-kunsens tat-tlett klabbs tal-futbol, u garanzija bankarja ta' €5,000. Din tal-aħħar sabiex tgħamel tajjeb għall-ħsarat li jistgħu isiru fil-grawnd;

7.9 id-Dipartiment tal-Propjeta' tal-Gvern fejn intalab is-suġġeriment tal-Kunsill rigward talba għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet quddiem il-ħanut 'Mo's Sanck Bar', ta' Triq Fortunato Mizzi. Il-membri ma sabux oġġezzjoni dment li jibqa' l-aċċess adekwat għall-persuni li jużaw siġġu tar-roti u għall-pubbliku in ġenerali;

7.10 is-Sindku tax-Xagħra fejn kiteb sabiex isir asfaltar fl-aħħar parti ta' Triq is-Sellum. Il-membri qablu li jintalab il-parir tal-Perit u sadanittant isir il-*patching*;

7.11 l-ETC fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li Dolores Sacco mhix ser tibqa tipparteċipa fl-iskema tal-impjieg fil-komunita'. Hi ġiet assenjata f'entita' oħra. Il-membri qablu li tiġi mqabbda *cleaner*;

7.12 David Apap mill-MTA fejn għarraf lill-Kunsill li kien hemm xi lmenti u ġew ukoll rappurtati nċidenti fuq it-taraġ tat-Telgħa tal-Belt. Dan fih divesi ħoloq tal-armar tal-festa li huma ta' ostaklu. L-MTA għandha tiġi mgħarrfa li l-Kunsill kien infurmat mill-Ministeru għal Għawdex li t-tiswija ta' dan it-taraġ kienet parti mill-proġett tal-*Master Plan* tċ-Ċittadella;

7.13 l-*Emergency Responce & Rescue Corps* li talbu permess għall-*bazaar* fil-parkeġġ ta' qrib l-Arkadia fil-11 ta' Mejju 2013. Billi dak in-nhar ikun hawn in-Notte Gozitana, qabel jinħareġ il-permess għandha tinġab *no objection* mit-Taqsima tal-Kultura;

7.14 il-Fondazzjoni Arti u Fidi li talbu kopja tal-ktieb *Victoria – A Portrati of a City*. Dan saibex jużawh f'lotterija bħala ġbir ta' fondi għal din il-fondazzjoni. Il-membri qablu;

7.15 in-Nutar Anthony Stellini li kiteb għan-nom ta' Sammy Rapa li għandu van li minnha jbiegħ il-ġelat fejn it-taraġ tat-Telgħa tal-Belt. Dan qed jitlob permess biex ikun jista' jarma f'dan il-post. Hu għandu l-permess ta' *Street Hawker*. Fil-Kunsill preċedenti l-membri ma qablux li dan il-post għandu jkun riservat b'mod permanenti għal ebda' *street hawker*. Din reġgħet ġiet diskussa. Il-Kunsill mhux kontra li jinbieħ ġelat f'din l-*area* imma ma jaqbilx li jingħataw permessi ta' kiosks f'dan is-sit, liema sit hu nkluż fir-restawr u l-*Masterplan* taċ-Ċittadella;

7.16 Clifford Vella li kiteb kiteb li jġib l-isem ta' *'Places of Interest in Gozo'*. Hu talab lill-Kunsill sabiex jixtri minn dan il-ktieb. Il-Kunsill għandu *policy* li jixtri biss kotba ta' awturi Rabtin;

7.17 Joseph Farruġia u Noel Tehuema li t-tnejn bagħtu korrispondenzi separati li jitolbu l-istess talba. Dawn huma żewġ bejjiegħa tal-ħaxix li jarmaw biswit xulxin fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*Bus Terminus*. Qed jitlobu li tingħata konċessjoni sabiex ikunu jistgħu jibqgħu jarmaw qrib xulxin kif inhuma fil-preżent. Ir-regolamenti tal-*istreet hawkers* jgħidu li jridu jkunun 50 metru mbegħda minn xulxin. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal din it-talba. Għalhekk se jitqabbad avukat sabiex iħejji regolamenti li jkunu jistgħu jitressaqu għall-approvazzjoni tal-Ministeru għall-Kummerċ;

7.18 l-Lord Mayor of Dublin li kiteb lis-Sindku rigward id-Dublin Declaration 2013, li se jsir fit-13 ta' Ġunju. Kif kien sar qbil fil-laqgħa preċedenti, għal dan is-summit se jattendi s-Sindku u l-kunsillier Tabone.

## 8. Materji oħra

Il-membri qablu li:-

8.1 jintalab il-permess ta' TM sabiex:-
8.1.1 issir *speed limit sign* fi Triq Mons Luiġi Vella;
8.1.2 isir *double yellow line* quddiem id-dar 'Thomas' fi Triq Alfons Maria Ħili. Dan minħabba li quddiem il-bieb m'hemmx bankina u l-vetturi jipparkjaw b'mod li jgħalqu dan il-bieb;
8.1.3 isir *double yellow line* quddiem 'Lunzjata Court', Triq Dun Pawl Micallef. Dan minħabba l-fatt li meta jipparkjaw quddiem dan il-post, t-trukkijiet li jkunu għaddejjin qed jolqtu l-gallarija tan-naħħa l-oħra;
8.1.4 l-*un/loading bay* ta' quddiem il-ħanut ta' Frank Mizzi ta' Triq Fortunato Mizzi ssir *un/loading* filghodu biss. Dan peress li dn il-ħanut m'għadux jinfetaħ filgħaxija;

8.1.5 isiru żewġ parkeġġi fi Triq Dun Pawl Micallef kantuniera ma Triq Għar Gerduf;

8.2 l-*Get Healthy Roadshow '13* issir fid-29 ta' Ġunju 2013 fi Triq Repubblika;

8.3 jintalab il-permess ta' Emanuela Ħili li hi sid il-ħanut ta' Triq Palma kantuniera ma Triq Mons. Ġużeppi Farrugia. Dan sabiex teħel bozza ġdida fi Triq Mons. Ġużeppi Farruġia. Is-sidien ta' 30 u 33 ma qablux peress li mhux il-post idejali għal din il-bozza;

8.4 jiġi organiżżat *weekend break* f'Malta għar-residenti;

8.5 kull meta jintuża d-dawl mir-radju LBV fi Pjazza San Ġorġ sabiex isir xi xogħol f'din il-pjazza (bħal ħasil tal-art), għandu tingħata donazzjoni ta' €50;

8.6 jiġu ordnati sett ieħor ta' medalji li jintużaw għall-għoti ta' Ġieħ il-Belt Victoria. 50 waħda bil-kaxxa se jiġu jiswew €3,000;

8.7 ssir bankina ġdida ta' Mary Grima ta' 'MaryVale', Triq Antonio Mallia. Din titniżżel fil-lista tal-bankini u ssir meta jkun imiss;

8.8 tintalab stima sabiex ikun jista' jsir it-trattament u l-bexx rikjest bil-liġi fuq is-siġar tal-palm li hawn fir-Rabat;

8.9 jintalab il-permess tal-MEPA sabiex jinżabbru s-siġar ta' Pjazza Indipendenza u dawk li hemm ħdejn il-mina ta' Pjazza Katidral. Dan wara talba li saret talba minn naħħa tat-Taqsima tal-Kultura;

8.10 l-kont tad-dawl li qed jintbagħat mill-ARMS fuq il-*fairy lights* ta' Pjazza Indipendenza ma jersaqx aktar għall-approvazzjoni. Dan is-servizz ilu li nqata'.

8.11 l-GO u l-Melitacable jiġu nfurmati sabiex ineħħu l-*wires* żejda li hemm mal-Banca Giuratale;

8.12 l-Kunsill jerġa' jqajjem il-materja li l-Banca Giuratale taqa' kollha f'idejn il-Kunsill. L-entitajiet konċernati għandhom jintalbu dan;

8.13 jintalab lill-TM sabiex titneħħa *bus shelter* ta' Triq Santa Dminka qrib Manresa. Dan minħabba li m'għadiex tintuża.

Il-membri ġew mgħarrfa li:-

8.14 nxtegħlu l-*floodlights* ta' Pjazza Indipendenza min naħħa tal-Enemalta;

8.15 rigward il-problema tad-dranaġġ ta' Triq San Ġorġ, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma se tħallas l-ispejjes tagħha kollha hi. Il-Kunsill għandu biss iħallas €1,554.16 li jkopru parti mit-tħaffir tat-trinek u dan skond ir-regolamenti fissi. Wara l-Kunsill jagħmel il-wiċċ tat-triq;

8.16 ġie ffirmat il-*Grant Agreement* tal-proġett tal-ERDF.

8.17 Il-Viċi Sindku ressaq kopji ta' korrispondenzi ta' Paul M Cassar li jirrigwardjaw l-egħluq ta' Triq Vajrinġa waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-iskola primarja. Dawn kienu ressqu fil-passat quddiem il-Kunsill preċedenti. Is-Sindku għamel referenza għall-fatt li dan is-suġġett ġie trattat mill-Kunsill u mill-Bord tal-Governanza u konkluża minn dawn l-istess entitajiet. Il-Kunsill kien unanimu u qabel li din il-materja kienet eżawrita u s-Sur Cassar kien infurmat b'dan.

8.18 Tqajjem ilment rigward il-kisi tal-isqaqien tat-toroq Sant' Indrija u Aġius De Soldanis. Dawn huma żewġ sqaqien fiċ-ċentru tar-Rabat li għadhom mingħajr wiċċ adekwat.

8.19 Suġġeriment ieħor li tressaq jirrigwardja l-egħluq ta' Triq Mons. Luiġi Vella matul il-lejl. Residenti qed jerġgħu iressqu din it-talba. Wara diskussjoni, l-membri qablu li dan is-suġġett jerġa jiġi diskuss waqt laqgħa oħra u sadanittant tersaq ukoll il-korrispondenza u l-materjal kollu ta' meta din it-triq kienet ingħalqet matul il-ħin ta' bil-lejl.

Il-laqgħa spiċċat fis-18.00. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta 28 ta' Mejju 2013 fil-17.30.

Av. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv